# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ | ĠUNJU
L-AKKADEMJA TAL-MALTI | 1973


# L-INNU MALTI U L-AKKADEMJA TAL-MALTI

*Wara l-ewwel Gwerra l-Kbira li spiċċat fl-1918, f'Malta nħass moviment ta' qawmien nazzjonali. Il-poplu kien ilu jisma' n-nazzjonijiet il-kbar jiftaħru li kienu qegħdin jikkumbattu għall-ħelsien tal-Ġnus iż-żgħar u wara li ntemm il-ġlied, kulħadd beda jsamma' leħnu għad-drittijiet tiegħu. Imma poplu ma jistax ifisser tajjeb u sewwa x-xewqat tiegħu jekk ma jinqediex bl-ilsien li jitkellem bih.*

*Għalhekk inħasset il-ħtieġa li titwaqqaf ġemgħa ta' nies li jħabirku biex l-ilsien Malti jieħu l-post li jistħoqqlu f'din il-Gżira tagħna. Minn hekk twieldet fl-1920 il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, illum l-Akkademja tal-Malti, bi skop wieħed: dak li teżalta 'l-Ilsien Malti.*

*Sa mill-bidunett tagħha l-Għaqda kienet magħrufa bħala l-esponenti prinċipali tas-sentiment Malti, dak is-sentiment nazzjonali li beda jqanqal il-patrijottiżmu veru tal-Maltin. Ix-xrara li tqabbad u tħaġġeġ il-patrijottiżmu hu l-innu nazzjonali li jixgħel il-qlub u jqajjem fl-imħuħ fawra ta' ħeġġa u ħrara lejn il-patrijà.*

*L-Innu Nazzjonali jagħti l-identità lin-nazzjon, igħolliha u jkabbarha f'għajnejn il-barranin u jagħtiha statura sħiħa u qawwija. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, il-Għaqda ma setgħetx ma tiħux sehem fil-formazzjoni u l-bidu ta' dak li llum hu magħruf bħala l-innu tan-nazzjon tagħna, l-Innu Malti.*

*Nofs seklu ilu l-Ilsien Malti beda dieħel u jsib postu fl-imkejjen uffiċjali u fl-istess ħin beda jirċievi attenzjoni akbar fit-tagħlim tiegħu ġewwa l-iskejjel tal-Gvern. Id-Direttur tat-tagħlim, dak iż-żmien Dr. Albert Laferla, deherlu li kien jixraq ħafna li t-tfal ta' l-iskejjel ikantaw xi versi bil-Malti, ħalli iżjed jitgħallmu bil-ħeffa u jidraw iħobbu l-Ilsien Malti.*

*Fuq hekk kienu nkitbu xi versi bil-mużika ħafifa biex it-tfal ikantawhom fil-klassijiet, imma Dr. Laferla xtaq li t-tfal ikollhom xi versi li jħeġġulhom qalbhom bin-nar ta' l-imħabba lejn art twelidhom.*

*Dr. Laferla fisser ix-xewqa tiegħu lil qaribu, il-Professur Robert Samut, tabib għaref li kien iħobb ħafna l-mużika; dan inzerta kellu lesta kompożizzjoni ta' ftit noti, melodjużi u armonjużi u fl-istess ħin imponenti u pompużi li daqqhom fuq il-pjanu. Dr. Laferla*

*tgħaxxaq b'dawk in-noti, ħadhom miegħu biex isib lil xiħadd li jiktiblu l-kliem adattat għal dawk in-noti.*

*Id-Direttur Laferla deherlu li ħadd ma kien jista' jaqdih daqs xi wieħed mill-Għaqda tal-Kittieba li kienet għadha kemm twaqqfet, u mar isib lil Dun Karm Psaila, Membru tal-Kumitat tal-Għaqda, li kien beda jissemma' għall-poeżija ħelwa tiegħu u li kien ukoll kiteb il-versi li t-tfal kienu bdew ikantaw fl-iskejjel.*

*Dr. Laferla fisser ix-xewqa tiegħu li jkollu xi versi patrijottiċi li jitkantaw mit-tfal ta' l-iskejjel tal-Gvern u Dun Karm Psaila wiegħed li jikteb versi mqabblin mat-ton u l-motiv tal-mużka tal-Professur Samut.*

*Kif igħidilna hu nnifsu, Dun Karm wara li daħal id-dar qagħad fuq il-pjanu u daqq kif sata' l-motiv tal-mużika u fittex li jlaqqa' mar-ritmu ta' dik il-mużika xi ritmu ta' versi Maltin, imma ma sabhiex ħaġa ħafifa u dam ħafna sakemm qabbel tliet versi tal-ħdax u tenna strofa oħra ta' l-istess daqs. Imbagħad wara li qagħad jaħseb x'jista' jikteb minn strofa ta' tliet versi u b'replika ta' tlieta oħra — versi li jaqblu mat-ton solenni u ħelu tal-mużika — Dun Karm ġietu bħal leħħa ta' berqa l-ideja li jikkomponi Innu Nazzjonali f'għamla ta' talba lil Alla għal Malta.*

*Bil-versi tiegħu l-poeta fittex li jressaq u jgħaqqad lil kulħadd f'rabta ta' mħabba reliġjuża u patrijottika; u fuq dak il-motiv ħelu u solenni fit-ton ta' talba lil Alla, li għandu mill-Innu Ingliż, ħareġ b'dawk is-sitt versi li llum bosta mill-Maltin hawn u barra mill-Gżira jafu bl-amment.*

*Fil-kompożizzjoni ta' dan l-Innu Nazzjonali tagħna hemm ħaġa singulari li ma ssibhiex f'innijiet ta' ġnus oħrajn: din hi illi l-versi saru fuq il-kompożizzjoni tal-mużika u mhux il-mużika fuq l-kompożizzjoni tal-versi, jiġifieri l-ħsieb tal-Innu kien imnebbaħ minn ftit noti li taw lill-Poeta Nazzjonali l-ideja li fuqhom joħloq għalihom in-nota poetika ta' l-Innu Malti.*

*Dan l-innu żanżnitu l-Għaqda tal-Kittieba, ħamsin sena ilu f'dan it-Teatru Manoel. L-Għaqda kellha bżonn tal-flus biex tistampa l-grammatika tagħha, u biex tiġbor xi ftit tal-fondi għamlet kunċert f'dan it-Teatru, kunċert li bih fl-istess ħin kienet tista' turi x'isarraf l-Ilsien Malti.*

*Il-kunċert sar fit-3 ta' Frar, 1923 u l-Innu Malti daqqitu għall-ewwel darba s-Soċjetà Mandolinistika tal-Birgu u kantawh il-bniet ta' l-Iskola tal-Gvern u kien milqugħ b'applawsi u għajjat ta' ferħ li tarrxu dan it-teatru.*

*Jien kelli x-xorti li nkun hawn għal dak il-kunċert storiku u għadni niftakar l-entużjażmu tal-għaġeb li qajjem id-daqq ta'*

*l-Innu Malti. Għalija dan l-innu kien forsi jfisser xi ħaġa aktar milli għal ħaddieħor għax iż-żewġ persunaġġi li ikkomponewh, it-tnejn kienu għeżież bħala surmastrijiet tiegħi: Dun Karm Psaila kien igħallimni t-Taljan meta kont is-Seminarju u l-Professur Samut kien igħallimni l-Patholoġija fl-Università.*

*Il-kunċert irnexxa kemm jista' jkun, imma ma ħalliex qliegħ ta' flus lill-Għaqda, iżda għaniha b'ġieħ mill-aqwa — il-ġieħ li tkun il-parrina ta' l-Innu Malti, u hekk l-isem tal-Għaqda jibqa' marbut għal dejjem ma' l-Innu Nazzjonali tagħna.*

*Wara l-kunċert fil-Manoel, l-Innu Malti baqa' jitkanta mit-tfal f'xi skejjel tal-Gvern u kien dejjem jinstama' fil-Festa tat-8 ta' Settembru wara d-diskors kommemorattiv ta' l-Assedju l-Kbir.*

*Imma l-Innu Nazzjonali ma kellux jibqa' jinstama' fost it-tfal biss; il-poplu beda juri x-xewqa li jisimgħu aktar spiss. Għalhekk fuq talba ta' Dun Karm, is-Surmast V. Ciappara, is-surmast tal-Banda King's Own, kien irranġa l-innu u strumentah għal dik il-Banda li daqqitu għall-ewwel darba fil-Festa Nazzjonali, it-Tmienja ta' Settembru 1936. Imbagħad il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar daqqet l-Innu fil-Festa tal-Madonna tal-Grazzja. Wara daqqitu wkoll il-Banda tal-K.O.M.R. u xi baned oħra militari sakemm ftit ftit dan l-Innu bdew isemmgħuh baned oħra ta' l-ibliet u l-irħula, u ħa xejra popolari mal-Gżira kollha.*

*Fl-1937 il-Gvernatur Bonham Carter qal lill-Maestro Paolo Nani biex jikteb armonija bħala akkompanjament għall-Innu, bil-ħsieb li jkunu jistgħu jkantawh korijiet numerużi; u dik is-sena stess l-Innu kien kantat fl-Istadium minn kor ta' 300 tifla ta' l-Iskola Sekondarja tal-Gvern tal-Belt.*

*Kien ukoll fl-istess post, l-Istadium meta l-kotra mqanqla minn sens patrijottiku, waqt partita internazzjonali tal-football, in-fexxet tkanta l-Innu Malti wara li semgħet jitkantaw Innijiet ta' nazzjonijiet oħra. Ġrajja li nebbħet lill-poeta Rużar Briffa biex jikteb waħda mill-isbaħ poeżiji tiegħu.*

*Fis-17 ta' Frar 1941, il-Gvern iddikjara l-innu miktub minn Dun Karm Psaila u immużikat mill-Professur Samut, bħala l-Innu Nazzjonali ta' dawn il-Gżejjer u bħala hekk qed jindaqq f'kull programm pubbliku u jiftaħ jew jagħlaq, kull funzjoni uffiċjali f' "din l-art ħelwa, l-omm li tatna isimha"!*

---

**Nota: Diskors li għamel il-President ta' l-Akkademja fit-Teatru Manoel nhar is-Sibt, 3 ta' Frar 1973, meta saret it-tifkira ta' l-għeluq il-ħamsin sena minn meta l-Innu Malti ndaqq l-ewwel darba.**

# IL-BNIEDEM U R-RUĦ

ta' WALLACE Ph. GULIA

Għal ommna n-Natura,
il-bniedem
bħal weraq imperrċin mal-fewġa tar-riħ:
imtajjar, bla mistrieħ,
miljuni f'miljuni ffullat
ġo masġar bla tmiem, fl-ibliet;
imperper fil-wisgħa
fuq zokk jitperreċ mill-braġ
f'quċċata ta' għolja bla tmiem
fil-wisgħa tax-xagħri il-bogħod mill-ibliet.

Tħoss in-natura meta werqa tinqata' miz-zokk?
Daqshekk tagħder lill-bniedem
li nifsu jinqata' fl-aqwa w l-aħjar!
Li kieku l-Ħallieq
kien bħalek u bħali
mis-setgħa għarwien,
ilkoll konna nkunu għaliH
bħal weraq li nqata' snin ilu
bla sura, bla sens, bla ħsieb, bla tifsir,
li kieku bħal werqa
kien bniedem, bla ruħ u bla ħsieb,
bla żnied minn Ruħ il-Ħallieq!

Għax jgħidu li jridu,
ukoll jekk jaħsbu li huma għorrief —
kif tiċħad lil ruħek,
li tagħmlek il-bniedem li int?

X'jimporta li tħabat il-Ħallieq
biex wasal mill-werqa għall-moħħ,
la wasal?
U rridu u ma rridux,
min huwa dak l-iblah
li le jagħraf kemm ikbar u ikbar
mill-ħajja tal-werqa, il-ħajja tal-ħsieb u tar-ruħ?

Kif jaħżen il-ġrajjiet
ta' dak u ta' l-ieħor u ta' l-oħra?
Min jaf?
Biżżejjed għalik li taħseb f'għamilek
u tħalli l-ħażna għaliH!
Il-ħażna tal-weraq ħasbilha
ukoll fil-ġabra tal-faħam taħt l-art,
li, taħt mikroskopju, taf tidher wisq isbaħ mill-ward!

**13/6/72**

---

# WARDA

### ta' JANE CORTIS

Rajt warda
mkebba blanzun
titħaddan ma' xbubitha;
u rajt demgħat imxerrda
fuq xifer il-petali
jitolbu ġmiel żgħużitha.
Imbagħad rajtha tingħarax
taħt bewsa sħuna
li tatha għodwa tar-rebbiegħa
u tbissmet qajl qajl,
mistħija.
Stennejt.
U rajtha bla rażan
f'nofs ta' nhar sajfi
imxammra, sabiħa,
wieqfa fuq tagħha
mgħarrqa fil-fwieħa.
......Rajtha l-aħħar darba
f'lejla xitwija.
Miz-zkuk għarqana
ħarġet bħal karba.
U rajtha darba oħra
bid-dmugħ imxarrba.

# SHAKESPEARE JEW MARLOWE?

minn ALFRED MASSA

Hafna llum iħossuhom imħawwda u dubjużi dwar jekk William Shakespeare huwiex il-veru awtur ta' ħafna mid-drammi u mill-versi li hu tant magħruf għalihom.

Sal-1936 ftit kienu dawk li ddubitaw minn dan u l-parti l-kbira tan-nies kienu jqisu lil Shakespeare bħala 'ġenju' fil-qasam letterarju, l-aktar għad-drammi sbieħ li jġibu ismu fuq il-qoxra tagħhom. Iżda fis-sena msemmija ċertu Calvin Hoffman, attur mill-aqwa, jum fost l-oħrajn ġiet f'idejh biċċa kitba ta' Christopher Marlowe u ħassu tant jissaħħar warajha li xtaq ikun jaf aktar dwar dan il-kittieb. Huwa beda jaqra kemm jiflaħ mix-xogħlijiet tiegħu, iżda aktar ma kien jaqra aktar kien iħossu milqut minn xi ħaġa li ħassha tinkwetah mhux ftit. F'moħħu w f'qalbu beda jxebbah dawk ix-xogħlijiet ma' xogħolijiet oħrajn, xogħolijiet li ħarġu mill-pinna ta' William Shakespeare. Minn moħħu bdew għaddejjin ċerti suspetti u ħalef li kellu jagħmel ħiltu kollha biex jiċċarahom.

Huwa qara għal bosta drabi x-xogħolijiet kemm ta' Marlowe u kemm ta' Shakespeare u aktar ma qrahom, din is-similarità bdiet aktar tidher quddiemu. Fl-aħħar Hoffman wasal biex qal li bilfors li kien hemm xi misteru fin-nofs. Għal 19-il sena sħaħ huwa ħadem bla heda biex jittanta jħoll il-kobba li kellu mħabbla f'moħħu u għalkemm l-iskop veru tiegħu ma rnexxielux jilħqu, iżda x-xogħol u r-riċerki li għamel tefgħu dawl ċar fuq id-dubji tiegħu u ħafna huma talfehma li dawn id-dubji m'humiex bla sisien sodi.

X'kien allura li rnexxielu jsib Calvin Hoffman li wasslu biex jistqarr apertament li ħafna mix-xogħlijiet ta' Shakespeare mhux veru ġew miktubin minnu imma minn Christopher Marlowe?

Għat-tweġiba ta' din il-mistoqsija Hoffman jibda biex joħodna lura fis-sena 1593.. Il-jum eżatt kien it-30 ta' Mejju. Dak in-nhar lillbelt ċkejkna ta' Deptford — ftit mili biss bogħod minn Londra — ruxxmata nies niżlu jżuruha u fost dawn il-viżitaturi kien hemm saħansitra ir-Reġina nnifisha, il-M.T. Eliżabetta I, Reġina ta' l-Ingilterra.

In-nies tal-post ferħu bis-sħiħ; ferħu għax bilħom kienet ħelsitha ħafif mill-marda qerrieda tal-pesta li kienet ħakmet lil Londra, b'mod l-aktar kiefer, u ferħu wkoll bil-miġja fosthom tar-Reġina nnfisha.

Fost il-viżitaturi li niżlu Deptford kien hemm erba' rġiel — tlieta minnhom jistgħu jitqiesu bħala korrotti għall-aħħar. Dawn kienu

ċertu Robert Poley, bniedem mistmerr minn kull min kien jafu minħabba li kien jasal għal kollox biex jingħoġob minn dawk ta' fuqu; Ingram Frizer, spija u bniedem li kien jitlagħlu għal kull ħaġa ta' xejn u Nicholas Skerer, li kien speċi ta' għasfur tal-gaġġa f'idejn Frizer. Magħhom imbagħad kien hemm żagħżugħ li ħafna kienu jsejħulu Marlowe, jew Marlin, jew inkella Morley. Iżda llum aħna ċerti li dan iż-żagħżugħ ma kien ħadd għajr Christopher Marlowe, dak il-poeta kbir u dramaturgu mill-aqwa. Marlowe kien meqjuż bħala l-'ġenju' tal-Letteratura Ingliża sal-wasla ta' William Shakespeare.

L-erba' rġiel: Frizer, Poley, Skerer u Marlowe wara ftit li waslu fil-belt, marru jieklu fid-dverna ta' ċerta Dame Eleanor Bull. Wara li kielu u xorbu, Marlowe mar jimtedd fuq sufan, fil-waqt li t-tlieta l-oħra poġġew bil-qiegħda darhom lejh. Damu jitħaddtu għal ħin twil. Iżda f'daqqa waħda qamet kwistjoni bejn Marlowe u Frizer. Iż-żewġ irġiel saħnu sewwa għal xulxin tant, li f'mument minnhom Frizer ħareġ stallett minn ħżiemu w għollih 'il fuq, lest biex iniżżlu fuq Marlowe. Imma dan ta' l-aħħar kien pront ħatafulu minn idu.

Qam pandemonju sħiħ u wara ftit instemgħet għajta u karba fl-istess ħin. Kulħadd siket hekk kif stendut ma' l-art bid-demm ħiereġ minn wiċċu deher iż-żagħżugħ Marlowe. Huwa malajr ġie miġbur minn l-art u poġġut fuq is-sufan, iżda sadanittant iż-żagħżugħ kittieb kien ġa mejjet!

Skond ir-rapport tal-uffiċjal li kien ġie nkarigat jinvestiga l-każ, Christopher Marlowe miet wara daqqa ta' stallett li kien qala' fuq għajnu l-leminija.

Dak in-nhar stess Frizer ġie arrestat u mixli bil-qtil ta' Marlowe. Ta' min jgħid, illi Frizer ma ħarabx mill-post tad-delitt, u anqas deher imbażża'. Huwa stqarr dak il-ħin stess li hu kien qatel lil sieħbu biex jiddefendi lilu nnifsu.

Il-katavru ta' Marlowe ġie midfun fl-1 ta' Ġunju f'qabar li sal-lum għadu mhux magħruf.

B'hekk intemm wieħed mill-aqwa kittieba Ingliżi. Imma l-inċident tal-mewt tiegħu (kif naħseb li taqblu miegħi) huwa misterjuż ħafna u Calvin Hoffman kellu raġun mhux ftit li jissuspetta li warajh hemm moħbi xi misteru mill-aqwa.

Ta' min jgħid, li t-tmiem ta' Marlowe kellu joħloq polemika kbira, għax sal-lum, ħafna huma tal-fehma li hu kunness ħafna max-xogħolijiet li dehru taħt isem William Shakespeare.

Ma kienx Hoffman l-ewwel wieħed li ssuspetta dan; oħrajn qablu wkoll ħassewhom dubjużi w attribwew ħafna minn dawn ix-xogħolijiet lil Edward de Vere, li kien Earl of Oxford; lil Francis Bacon, folosofu magħruf ħafna fi żminijietu; lill-Kontessa ta' Pembroke

u lil xi oħrajn. Iżda minħabba nuqqas ta' provi ċari, xejn konkret ma ġie stabbilit.

* * *

Kienet is-sena 1593 meta ġie pubblikat għall-ewwel darba l-ktieb "Venus and Adonis" taħt isem William Shakespeare. Iżda tajjeb ngħidu li dak kollu li hu magħruf dwar Shakespeare sa din is-sena huwa sempliċiment dan:

William Shakespeare twieled fil-belt ta' Stratford u ġie mgħammed fis-26 t'April 1564. Il-ġenituri tiegħu kienu nies komuni ħafna u missieru kien ħaddiem tas-sengħa. William iżżewweġ fis-27 ta' Novembru tal-1582 u sena wara sar missier l-ewwel tarbija; sentejn wara huwa reġa' sar missier żewġ ulied tewmin.

Iżda mbagħad wara s-sena 1593 ma tantx nafu wisq dwaru, ħlief li William kellu xehta kbira għall-palk u ngħaqad ma' diversi kumpaniji teatrali. Huwa deher kemm-il-darba fit-Teatri "The Globe" u "The Blackfriar". Barra dan għandna wkoll xi tagħrif dwar xi deħriet li għamel fil-qorti in-konnessjoni ma' xiri ta' dar u xi artijiet. It-testment li għamel qabel miet instab, u miegħu instabet ukoll id-data ta' meta miet. M'hemmx għalfejn ngħidu, li barra dan kollu, għandna f'idejna d-drammi u s-sunetti li jġibu ismu bħala l-awtur tagħhom.

Imma dwar dawn ix-xogħolijiet xejn m'għandna konkret li jurina li dawn tassew ġew miktubin minnu. Ma jeżistu l-ebda manuskritti ta' Shakespeare u allura bil-kitbiet tiegħu nifhmu biss dawk li (kif ġa għidna) għandhom ismu fuqhom. Ħafna mid-drammi tiegħu ġew stampati xi 7 snin wara mewtu u dehru fl-Ewwel Folio li kien ġie ppublikat fl-1963. Mis-36 dramm li deħru f'dan il-Folio, 18 biss kienu ppublikati qabel, u xi wħud minnhom ma kellhom l-ebda isem bħala l-awtur tagħhom.

Id-dubji li tnisslu dwar il-fatt jekk Shakespeare huwiex il-veru awtur tax-xogħolijiet tiegħu ġejjin minn dak li bl-Ingliż isejħulu l-'Background' tal-ħajja privata tiegħu. Żewġ fatturi jidhru li huma l-qofol ta' dawn id-dubji kollha.

1. Kif qatt seta' Shakespeare jasal biex jikteb drammi, li huma xhieda ta' għerf hekk kbir? Meta wieħed jifli sewwa dawn id-drammi jintebaħ li l-awtur kien imrawwem tajjeb fil-Liġi, fil-Mediċina, u fil-Metoloġija. Barra dan, tinħass ukoll il-familjarita' li kellu mal-klassi għolja ta' dawk iż-żminijiet.

2. Seta' qatt Shakespeare, iben ħaddiem tas-sengħa, ikun imrawwem hekk tajjeb f'dawn il-ħwejjeġ?

Dawn iż-żewġ problemi jistgħu jinħallu biss kemm-il darba nafu li Shakespeare kien jattendi xi Università. Iżda mit-tagħrif kollu li għandna dwaru nafu tajjeb li hu QATT m'attenda xi università; mhux talli dan, imma anqas biss qatt attenda skola sekondarja!

L-aħħar tama li Shakespeare seta' allura akkwista dan it-tagħlim kollu hija l-qari. Imma mnejn seta' jġib kotba simili?

Ta' min ikun jaf li fl-Università ta' Cambridge, li dak iż-żmien kienet tħaddan fiha waħda mill-aqwa libreriji li kien hemm ġewwa l-Ingilterra, il-ftit mijiet ta' kotba li kellha kienu tant prezzjużi, li kienu marbutin ma' l-ixkafef. U dak iż-żmien il-Libreriji Pubbliċi kienu għadhom anqas biss ħolmu bihom! Barra dan, ta' min iżid igħid ukoll, li fit-testment tiegħu Shakespeare ma jsemmi xejn dwar xi manuskritti li ħalla warajh.

* * *

Hoffman beda jwettaq il-pjan tiegħu billi pprova jsir jaf kif Shakespeare kien irnexxielu jakkwista dak l-għerf li jinsab fid-drammi tiegħu. Hu kien jaf li Shakespeare qatt ma kien jattendi xi università, (kif ġa rajna) u dik li forsi seta' akkwista dak it-tagħlim permezz tal-qari ukoll dehret quddiemu bħala ħaġa assurda.

"Imma allura mnejn kien irnexxielu jitgħallem jaqra 'l-ftit Latin u Grieg' li Ben Jonson jgħid li Shakespeare kien jaf?" Hoffman kien sikwit isaqsi lilu nnifsu.

U kemm-il darba dan hu minnu i.e. li Shakespeare veru tgħallem ftit Latin u Grieg, dan żgur li ma kienx biżżejjed biex jagħmlu daqshekk familjari ma' kittieba bħal Ovid, Lucan u Plautus. Barra dan ix-xogħolijiet ta' dan tal-aħħar kienu għadhom ma ġew tradotti fl-ebda lsien; u b'danakollu nistgħu ngħidu li huwa l-pedament jew il-qofol tad-dramm "Comedy of Errors" li Shakespeare mar jikteb — jekk ta' bil-ħaqq din il-kummiedja ħarġet mill-pinna tiegħu.

Hoffman imbagħad dar lejn il-Ġografija. Xi drammi ta' Shakespeare għandhom bħala 'background' l-Italja u min jaqrahom għandu jintebaħ illi l-kittieb kienu jafu tajjeb ħafna dak il-pajjiż. Ċerti xeni huma eżatti tant illi wieħed iħossu skantat kif bniedem bħal William Shakespeare illi sa fejn nafu, qatt ma ħalla l-Ingilterra wasal biex iddeskrivihom b'dak il-mod. Ta' min ifakkar li dak iż-żmien il-mapep mhux biss kienu skarsi imma ma tantx kienu ta' min jorbot fuqhom anqas l-aktar dwar ċerti rqaqat.

Iżda l-aktar li kompla kkinvinċa lil Hoffman li Shakespeare mhux veru kiteb id-drammi kollha li jġibu ismu, kien il-fatt illi ħafna minn dawn ix-xogħolijiet ġew miktubin madwar is-sena 1590.

U għalkemm f'dan iż-żmien meta Kyd, Nashe, Peele, Marlowe, Chapman w oħrajn kienu ta' sikwit jirreferu għal xulxin, HADD minnhom QATT ma rrefera għal Shakespeare — almenu sas-sena 1593. F'dak kollu li nkiteb dak iż-żmien darba biss wieħed isib referenza — u mhux eżatta — għal William Shakespeare. Din ir-referenza tinsab fit-testment ta' Robert Greene fejn waqt li rrefera għad-dramm Henry VI, fost ħwejjeġ oħra semma l-kelma "Shake-scene".

Xi wħud qalu li Greene kien qed jirreferi għal Shakespeare. Iżda Hoffman ma qabilx magħhom u sostna li dik il-kelma kienet speċi ta' laqam lil dawk l-atturi tajbin li kienu jaqilgħu l-parti tagħhom sewwa

M'għandniex xi ngħidu, ħadd qatt ma qal li William Shakespeare l-attur ma kienx jeżisti. Iżda bejn Shakespeare l-attur u Shakespeare il-kittieb żgur li tinħass differenza kbira. Kif ġa għidna aktar 'lura, dawn id-dubji nħassu qabel Calvin Hoffman. Issa pero' kotru għax instabu aktar provi favurhom; u l-ismijiet ta' Bacon, Oxford u Pembroke mill-ġdid reġgħu ġew konnessi max-xogħolijiet tiegħu.

Veru li kull wieħed minn dawn kien istruwit biżżejjed, ivvjaġġa barra minn pajjiżu bosta drabi, kien midħla ta' ħafna kbarat u saħansitra kull wieħed minnhom kien ukoll kittieb mill-aqwa. Ħaġa waħda biss tidher barra minn lokha. Hadd minnhom ma kien dramaturgu kbir, w għalhekk li tgħid li xi ħadd minnhom huwa l-veru kittieb tad-drammi ta' Shakespeare tidher ħaġa ftit li xejn assurda

* * *

**(Jissokta f'ħarġa oħra)**

---

**Għal Malti Isbaħ u Aħjar**
**minn VIC APAP**

# "SABIHA" jew "SABIEHA"?

Fuq l-MTV qiegħed jintwera avviż biex Malta tinżamm *sabiħa,* iżda dan l-aġġettiv jidher miktub *sabieħa.*

Ta' min ifakkar illi l-aġġettivi fis-singular huma dejjem bil-vokali *i* u qatt *ie.* Hekk niktbu: *Sabiħ, sabiħa; ħafif, ħafifa, qalil, qalilla; kbir, kbira; żgħir, żgħira; twil, twila.*

Dawn l-aġġettivi, imbagħad, meta jagħmlu l-plural jibdlu l-vokali *i* fil-vokali *a* jew *ie.* Għalhekk niktbu: *sbieħ, ħfief, qliel, kbar, żgħar, twal.*

**Laqgħa Letterarja fit-Teatru Manoel**

# ĠUŻE' GALEA

Fis-serje ta' laqgħat letterarji li qiegħda tagħmel l-Akkademja tal-Malti sabiex Awturi Maltin magħrufa jiltaqgħu mal-publiku Malti, nhar il-Ħamis 1 ta' Marzu 1973 kien imiss lill-President tal-Akkademja, il-Professur Ġużè' Galea. Dawn il-laqgħat letterarji qegħdin isiru fit-Teatru Manoel, il-Belt, li llum jitqies bħala "teatru nazzjonali".

L-ewwel persuna letterarja li ħa sehem f'dawn il-laqgħat kien l-Onorevoli Avukat Anton Buttigieg, magħruf bħala Poeta, u llum qiegħed jaqdi dmirijiet ta' Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet Parlamentari fil-Gvern Laburista.

Is-serata bdiet fis-6.00 p.m. u damet qrib siegħa. It-teatru mtela bi ħbieb tal-Kultura Maltija, kemm anzjani u kemm żgħażagħ. Ħaġa sabiħa ħafna li studenti kemm ta' skejjel sekondarji u kemm skejjel oħra ta' tagħlim ogħla tarahom jinteressaw ruħhom u jiġu jisimgħu.

L-Avukat Wallace Ph. Gulia, il-Viċi-President tal-Akkademja, għamel kelmtejn bħala daħla għas-serata.

Il-programm tal-lejla letterarja kien imqassam hekk. Wara silta msejħa "Rewwixta fl-Imġarr" mir-rumanz "Żmien l-Ispanjoli", bħala tifkira ta' l-ewwel rumanz li Ġużè' Galea kiteb, huwa qara l-kitba, "Is-Sena 1969 — Sena tal-Qamar", li huwa l-editorjal għal IL-MALTI tal-għadd ta' Diċembru 1969. L-Awtur wera b'din il-għażla li l-immaġinazzjoni ta' kittieb taf tixxiegħel kemm bi ġrajja mbiegħda kif ukoll b'xi ġrajja kbira li ġrat fi żminijietna.

Mir-rumanz "Id-Dinja Rota", l-Awtur għażel silta meta s-Sinjura Bettina marret tiltaqa' mal-Ġeneral Vaubois. Kif ukoll, is-silta mħarrka msejħa "Il-Ballu" mill-antoloġija mgħammda "Bla Ħabi", taw ħin sabiex barra l-Awtur jinstemgħu l-ilħna tas-Sur Victor Apap u tas-Sinjurini Joan Azzopardi u Josephine Zammit Cordina, huma u jaqraw is-siltiet f'għamla djalogata.

L-aħħar silta li għażel il-professur Ġużè' Galea semgħuha b'widnejhom miftuħa, għaliex kienet imsejħa "Bejta tal-Vizzju" mill-aħħar rumanz tiegħu bl-isem ta' "Fiex Wasalna", u li għadu ma ħariġx għall-istampa. Dan ir-rumanz huwa mera tal ħajja ta' żmienna f'Malta.

Kif qal l-Avukat Wallace Ph. Gulia fid-daħla għas-serata, il-professur Ġużè' Galea huwa Awtur li bħala rumanzier ma waqafx jixxiegħel biss bi ġrajjiet l-imgħoddija ta' Malta. Kull min ġie għal-laqgħa letterarja fehem iżjed lill-Awtur għal meta kien jafu biss billi jaqra l-kotba letterarji tiegħu. **A.A.M.**

# GHAĠĠLA jew GHAĠLA?

## Nota ta' MICHAEL AGIUS

Liema waħda minn dawn iż-żewġ kelmiet għandna niktbu; liema hi t-tajba?

Naraw l-ewwel x'inhu s-sies tagħha; jekk hux ta' TLIET KONSONANTI jew ta' erba' konsonanti. Is-sies ta' GĦAĠĠEL hu ta' TLIET KONSONANTI — GĦ Ġ L, bħalma sa naraw aktar 'il quddiem. GĦAĠĠEL, hu verb imnissel (tat-tieni forma) minn verb ieħor tal-ewwel forma jew minn kelma oħra li s-sies tagħha hu ta' TLIET KONSONANTI, bħal ngħidu aħna, il-verbi BIDDEL, DELLEK, U DAĦĦAK ġejjin minn BIDEL, DILEK u DAĦAK.

Fil-Malti għall-verb GĦAĠĠEL m'għandniex l-ewwel forma tiegħu; aktarx li kellu għall-bidu u ntilfet bħalma ntilfu oħrajn: Verbi bħal dawn fil-Malti għandna għadd ġmielu. Terġa' fil-Malti għandna verbi tat-tieni forma mnisslin minn nomi u aġġettivi, bħal minn GĦABRA tnisslet GĦABBRA (nom) u minn AĦMAR tnisslet ĦAMMAR (Agg) li s-sisien tagħhom huma GĦ B R u Ħ M R.

Dawn il-verbi (tat-tieni forma), minnhom infushom, juruna li jitnisslu minn verbi oħra, nomi ecc. li s-sies tagħhom huwa ta' TLIET KONSONANTI. GĦAĠĠEL aktarx tnisslet minn GĦAĠEL (l-ewwel forma) li bħalma għedt qabel intilfet, dan narawh fin-nom verbali TAGĦĠIL li hu mnissel mill-imperattiv ta' GĦAĠEL.

Minn BIDEL, DILEK U DAĦAK, li semmejna qabel jitnisslu nomi bħal Tibdil, bdil, tibdıla, bidla, tidlik, dlik, dilka, daħk, daħka. Minn ĊAĦAD, BIES, KISER u NIXEF — kollha verbi tal-ewwel forma — innisslu:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ĊAĦAD — | ĊAĦĦAD — | Ċħid, ċaħda, Tiċħad | Sies | ĊĦD |
| BIES — | BEWWES — | Bews, bewsa, tibwis | Sies | BWS |
| KISER — | KISSER — | Kisra, ksur, tiksir | Sies | KSR |
| NIXEF — | NIXXEF — | Nixfa, nxif, tinxif | Sies | NXF |

Naraw daqsxejn x'nomi jitnisslu minn verbi bħal GĦAĠĠEL — li m'għandniex l-ewwel forma tagħhom:

| | | | |
|---|---|---|---|
| ĦAĠĠAR — | taħriġ, ħaġra, ħaġar, maħġar | Sies | ĦĠR |
| KEJJEL — | tikjil, kejl, kejla | Sies | KJL |
| KEBBEB — | Tikbib, kobba, mkebba | Sies | KBB |
| XITTEL — | Tixtil, xitel, xitla, xtul, mixtla | Sies | XTL |
| ĊELLAQ — | Tiċliq, ċliq, ċelqa | Sies | ĊLQ |
| QAXXAR — | Taqxir, qxur, qoxra, maqxar | Sies | QXR |
| FARRAK — | Tifrik, frak, farka | Sies | FRK |

Fin-nomi kollha li semmejna kif ukoll f'dawl li ġejjin — *waqgħa, kesħa, dawl, qawma, qatgħa, waqfa, weġgħa, wegħda, wasla, sawma, xewqa, xewka, talba, qatra, widba, għaxwa, sogħla, sogħba, sħana, ndafa, bruda, mluħa, ksuħa* u bosta oħrajn insibu illi l-KONSONANTI FOSTANIJA tas-sies qatt m'hi mtennija għax dawn huma nomi ħerġin minn verbi eċċ li s-sies tagħhom hu ta' TLIET KONSONANTI.

Dan kollu jurina li għandna niktbu GĦAĠLA u mhux għaġġla.

---

**Għal Malti Isbaħ u Aħjar**
**minn VIC APAP**

# IL-VERB "WETTAQ"

Donnu li kollox sar bil-moda! U dan l-aħħar il-verb *wettaq* daħal sew fil-moda fost ġurnalisti, kelliema, predikaturi u fost xi kittieba wkoll. Imma qegħdin jinqdew bih tajjeb? Skond l-aħjar dizzjunarji, il-verb *wettaq* għandu t-tifsira ta' *fortificare, rassodare, confermare, rendere piu' fermo, consolidare, to fortify, to strengthen, to confirm.*

Naraw issa kif qiegħed jintuża minn uħud li donnhom innamraw minn dan il-verb. Tisma' u taqra espressjonijiet bħal: "Il-ħidma li *wettqet* il-Knisja fost il-poplu", "*Wettaq* dmiru bil-għaqal", "Xewqtu *twettqet*". Skond il-fehma tagħna, f'kull wieħed mill-eżempji ta' hawn fuq il-verb wettaq ma kienx floku. Kien ikun aħjar u isbaħ kieku ntqal jew inkiteb: "Il-ħidma li *għamlet* il-Knisja fost il-poplu", "*Qeda* dmiru fil-għaqal", "Xewqtu *seħħet*".

Għaliex mela ma nagħtux ftit tal ħsieb qabel ma niktbu biex ninqdew bil-verb li jagħtina l-aħjar tifsira ta' dak li rridu ngħidu?

* * *

Sur Editur,

Naqbel ma' dak li kiteb il-ħabib tagħna s-Sur Vic. Apap fi 'Il-Malti' ta' Diċembru li għadda dwar SOGHBA u NIKET, imma naħseb, illi l-kelma HASRA — li tfisser "dispjaċir kbir għat-telfa ta' qarib jew ħabib" toqgħod aħjar mill-kelma NIKET li tfisser "swied il-qalb."

Għoddni Tiegħek,
MICHAEL AGIUS.

# EPIGRAMMI

Ta' J. P. VASSALLO

*Lil Epigramm*
Is-sura ħelwa ta' naħla
Għandu jkun hemm f'epigramm:
Qsajra, grazzjusa d-daħla,
U xewka fid-denb tinżamm.

* * *

Għax bojod is-sisien ta' Sally
Ta' Grezz suwed u mħassra?
Ħalset għalihom Sally...
Ta' Grezz tagħha jaħasra.

* * *

Sbejħa, fuq wiċċek star,
Tad-dinja kont il-warda.
Le, le issirx bħal sptar
Trekken kull dieq u marda.

* * *

Kien ħaj: xejn, xejn ma kellu,
Bilkemm kellu ftit dell;
Mejjet riekeb karrozza...
Kulħadd jaqla' l-kappell.

* * *

*To stand and stare*
Kull fejn jien ħarist il-ħajja rajt miġnuna,
Naħrab ridt mill-folla u nies magħquda mazz;
Nilgħaq ix-xemx jien xtaqt —
ix-xemx hekk bnina u sħuna...
Wiċċi lejn is-Suq u dahri mal-Palazz.

# GĦOTJIET

### Ta' MANWEL CASSAR

BIN-nies jiddejqu wliedi
Meta neħodhom f'wirja
Tal-ward f'xi sala. Għalihom
Aħjar id-dar jew ġirja.

Ħames wardiet tal-karti
Ġo ħames arzelliet
Xtrajt għal uliedi. Tagħhom
Mhux sbieħ daqs tal-wirjiet,

'Mma xħin f'qiegħ tazzi fl-ilma
xħetthomlhom w iktar x'ħin
L-arzell f'wiċċ l-ilma tajjar
Lill-ward u żamm — bħal min

Bit-tajr tal-karti mlewna —
L-ispag irqiq f'idejh
Ftit imbexxqin — dak l-hena
Ta' wliedi x'joqgħod ħdejh?

U kif biżżejjed tgħaxxqu
Bl-għotjiet irħas li swew
Għal qalbhom hekk, ġennbuhom
......U wara għalihom ġew.

Ħa nqassam l-hena mdawwal
Lin-nies li forsi, bħalma
Minn żmien għal żmien insibni,
Ikunu f'siegħa mdallma.

Daqsxejn ta' stampa, artiklu,
Ittra, tagħrifa, qawl,
Tislima, maħfra, għajnuna,
—— Kollha huma għotjiet ta' dawl

Li bikri jafu juru
Jew wara fil-mistrieħ.
W għal kemm-il darba ġieli
Iseħħ li jserrħu sħiħ.

**18/9/69.**

# Kif bdiet u mxiet l-Akkademja tal-Malti

### Tagħrif miġbur minn G. ZARB ADAMI

Meta ħarġet it-Tagħrif, l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti ħarġet ukoll fil-beraħ. Mill-ewwel deher li l-ħbieb ma naqsux, imma daqstant ieħor ma naqsux l-għedewwa li kienu jgħoddu numru sabiħ sewwa. Ukoll fost il-ħbieb kien hemm min ma qabilx għal kollox u wera l-fehma tiegħu; dan ma naqasx li għamel xi ftit tal-ħsara għaliex ta x'wieħed jifhem li l-Għaqda ma kenitx sħiħa fil-fehma tagħha; kien hemm saħansitra min tbiegħed, jekk ma marx għal kollox fil-kamp tal-għadu; oħrajn, biż-żmien intebħu li l-Għaqda kellha raġun u ġew lura, filwaqt xi ftit għebu għal kollox. Bħala xempju ta' dan insemmi l-kitba ta' wieħed studjuż malti li minn Ġerusalem, fejn kien, kiteb u stqarr li fit-Tagħrif kien hemm xi għeltijiet ħtija ta' nuqqas ta' taħriġ fl-ilsna semin mill-awturi tal-ktieb. Min-naħa l-oħra għandna l-ittra li s-Sur Nin Cremona kiteb lill-Professur Patri Vaccani, S.J. fejn qallu li fit-Tagħrif hemm "una trascrizione etimologica conforme alle morfologia della stessa lingua, sempre pero' compatibile con le sue leggi fonologiche; ed e' per quest'ultima condizione che forse il Maltese si discosterebbe dall'Arabo Classico e dai dialetti affini come facilmenta si desume attraverso le regole fonologiche sotto il capitolo: Tibdil fil-Leħen tal-Konsonanti li Jixxiebħu."

Imma l-aktar li għamlu ħsara kienu l-veri għedewwa, xi wħud dikjarati fil-beraħ, waqt li oħrajn moħbija, jiktbu taħt l-anonimu. Fost dawn l-għedewwa nsibu dawk li kienu għomja bil-passjoni politika jew mid-duħħan tal-koltura taljana u huma kienu jaħbu l-injoranza tagħhom, għax qatt ma kienu studjaw bis-serjetà l-Ilsien Malti, fi kliem fieragħ; oħrajn kienu njoranti fil-veru sens tal-kelma u allura kienu jmaqdru dak li ma kenux jafu u jaħbu n-nuqqas tagħhom billi taparsi jwaqqgħu għaż-żufjett lil dawk li kienu wisq egħref minnhom. Kien hawn ukoll min kien kontra l-Malti għax dan seta' joqroslu butu; oħrajn imbagħad, għax ħasbu li kienu ser jitbaxxew jekk jagħrfu lsien arthom u ma jibqgħux jilagħqu l-barrani; fl-aħħarnett niltaqgħu ma' dawk li ma fehmux, jew ma ridux jifhmu, il-fehma u l-ħsieb tal-Għaqda.

L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti qatt ma kienet kontra t-tagħlim ta' ilsna barranin, Ingliż. Taljan, Franċiż xi jkun; hi biss riedet li l-Malti, bħala lsien il-poplu, bħala dak li jagħżilna għalina mill-ġnus l-oħra kollha, tal-qrib u tal-bogħod, jieħu fil-ħajja tagħna

l-post li kien imissu u jixraqlu; li jkun il-mezz — u nfatti hu l-mezz waħdani — li bih il-poplu jgħaddi 'l quddiem fil-kultura tiegħu, jiftaħ għajnejh fuq dak li qed jiġri ma' dwaru u ma jħallix aktar min jinqeda bih u jisfruttah, sew jekk ġewwieni, kemm jekk barrani.

Irroddu ħajr lil Alla, iż-żmien tana raġun, u dawk li kienu ħaduha kontra tagħna issa ġew magħna u kellhom jaċċettaw l-Ilsien Malti forsi għax hekk jaqblilhom; imma nittama li dil-bidla tqanqlet minn raġuni aktar soda u serja; hu x'inhu, kienu huma stess strument politiku li bih il-Malti ħa postu bħala Ilsien Nazzjonali.

Imma nsib li għaġġilt iżżejjed, għax mhux sewwa li wieħed ma jfakkarx kemm sofrew u x'raw ma' wiċċhom dawk l-ewwel qalbiena li daħlu għall-ġlieda favur l-Ilsien Malti: kemm ippruvaw iwaqqgħuhom għaċ-ċajt l-għorrief ta' dak iż-żmien! kemm ippruvaw inassuhom! kemm xlewhom li ħtija ta' l-Ilsien Malti l-Maltin kienu ser jitilfu l-fidi li wasslilna Missierna San Pawl! (meta l-ħsieb ta' l-Għaqda kien sewwa sew bil-maqlub ta' dak, jiġifieri t-tixrid fost il-poplu tagħna ta' l-Aħbar it-Tajba jew l-Iskrittura Mqaddsa). Kemm kien hawn fost il-professjonisti li wara l-1934 ippruvaw jibbastardjaw ilsienna billi jiktbuh ħażin, idaħħlu fih kliem barrani bla ħtieġa; u kemm kien hawn fost l-iskrivani għolja taċ-Ċivil li nqdew b'elf mezz ieħor biex il-ħsieb tagħna ma jirnexxix u jerġa' jiġri bħalma kien ġara kemm-il darba fl-imgħoddi! Konna ġejna f'qagħda li min kien jiddefendi l-Ilsien Malti kien ikun meqjus minn xi Maltin stess — u minn dawn jisgħob bija ngħid għad hawn xi ftit — bħala "second class citizen", għax il-Malti skond dak l-għaref Senatur kien jiswa biss għal ġol-kċina! Jekk il-lum niftakru bil-għożża f'Dun Karm u mimlijin ħerqa u qalbna tħabbat bl-imħabba għal art twelidna nkantaw l-Innu Malti, ma għandniex ninsew kemm kienu dawk li ppruvaw iwaqqgħu għaż-żufjett lill-istess Dun Karm — saħansitra xi wħud minn ħutu fost il-kleru — u kemm kitbu artikoli biex joffenduh anki fil-ħajja privata tiegħu — ħaġa li jmissha tibqa' dejjem tħammrilhom wiċċhom! U ma' Dun Karm ma nistgħux ma ngħaqqdux lill-Professur Dun Pietru Pawl Saydon, lil Sir Temi Zammit u oħrajn ukoll bħalma Sir Pawl Boffa li ra siġġu mixħut għal rasu meta f'laqgħa tal-professjonisti fl-Università tagħna, ipprova jiftaħ ħalqu bil-Malti!. U kemm studenti sofrew għax ħabbew il-Malti......!

Iżda l-agħar fost l-għedewwa kienu dawk li baqgħu indifferenti — għax lill-għadu fil-beraħ u anki jekk moħbi taħt star tal-psewdonimu tista' tikkumbattih u forsi tikkonvinċih jew turi li qed igħid il-ħmerijiet, jonkella li hu mqanqal mill-egoiżmu, fanatiżmu, eċċ., iżda l-indifferenza tmewwet bħad-deni biered li jieħu t-tul imma jeqred u joqtol.

J'Alla dan li ser ngħid ma jkunx minnu, għax ma nixtieqx inkun xi Kassandra, imma nibża' li ġa beda jberraq u li għad tista' terġa' tqum il-kustjoni tal-lingwa; jidhirli li għandna noqogħdu b'għajnejna t-tnejn miftuħa għax hawn min hu lest biex jinqeda b'minn kollox ħalli bħal fl-imgħoddi l-Ilsien Malti jerġa' jsir l-ilsien tal-baxxi, ta' l-injoranti u ma jibqax aktar l-aqwa arma u tarka taddemokrazija, hekk li n-nies ma jibqgħux ikunu aktar immexxijin minn imneħirhom bħall-bhejjem u jintemm il-kult tal-persuna li jsaltan fost l-għomja u l-ilsiera. Permezz tal-Malti biss tista' tibqa' ssaltan il-vera demokrazija. għax mibnija fuq ir-rieda vera u soda tal-poplu tagħna.

B'danakollu, il-ftit qalbiena li baqgħu sodi fi ħsiebhom rebħu bosta mit-tfixkil u baqgħu mexjin 'il quddiem. Ma ngħidux li rebħu kull tfixkil għax l-għedewwa għadhom jeżistu sal-lum u kull meta jistgħu għadhom sal-ġurnata mqaddsa tal-lum jagħmlu l-bsaten fir-roti kif jafu tant tajjeb l-għalliema tal-Malti. Infatti, l-Għaqda deħrilha li ma kienx biżżejjed li ħarġet il-Grammatika u li kien jeħtieġ xi ħaġa aktar. Għalhekk fl-1 ta' Novembru, 1924 ħatret Kommissjoni magħmula mis-Sur Ġuże' Darmanin Demajo, is-Sur Vincenz Mifsud Bonnici, is-Sur G. Micallef u s-Sur F.S. Caruana bil-ħsieb li tħejji proġett għal ħruġ ta' rivista. Dil-Kommisjoni ressqet proġett fil-21 ta' Diċembru, 1924, li fih insibu:

1. Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti toħroġ ktieb in 8vO ta' mhux anqas minn 24 faċċata, u mhux anqas minn darba kull tlitt xhur;
2. L-artikoli li jidhru ma jkunux fuq il-pulitka jew kontra t-tagħlim nisrani;
3. Ir-Rivista tkun f'idejn Direttur u Amministratur.

Din ir-Rivista kienet tassew meħtieġa. "Biex turi kif għandu jinkiteb il-Malti b'dak l-alfabet u b'dik l-ortografija," kiteb Dun Karm, "il-Għaqda bdiet il-ħruġ tar-rivista fejn setgħet tfisser u xxandar il-fehmiet tagħha, tħaddan is-setgħat letterarji, tgħallem lill-barranin mill-Għaqda fejn isibu mirja ta' kitba maħduma bir-reqqa u bis-sengħa, tħajjar liż-żgħażagħ jintefgħu għal kitba xierqa u fejjieda u tkebbes u tħeġġeġ f'kulħadd l-imħabba safja lejn ilsien pajjiżna, ilsien missirijietna."

Mal-kliem ta' Dun Karm nixtieq inżid li permezz tat-*Tagħrif u ta' Il-Malti* l-Għaqda rnexxielha turi li jekk l-Ilsien Malti jitħaddem tajjeb wieħed jista' jfisser bih kull ħsieb għoli kemm ikun għoli, li wkoll fil-festi l-kbar nistgħu lil Alla nkellmuh bl-ilsien tagħna, li l-mixli quddiem il-Qorti tal-Ħaqq jista' jkun ġudikat bl-ilsien

li jifhem u li jitkellem, li l-leġislatur jitkellem, ifisser ħsiebu u jikteb il-liġijiet b'ilsien il-poplu.

Għaddew sitta u erbgħin sena u iktar minn dik l-ewwel ħarġa ta' *IL-MALTI* f'Marzu, 1925, u r-rivista baqgħet dejjem toħroġ, dejjem fuq l-istess prinċipji u minkejja ħafna u ħafna tfixkil, mhux l-inqas it-tħarbit tat-Tieni Gwerra Dinjija.

Direttur tar-Rivista kien il-President tal-Għaqda, il-Kav. Ġużè Muscat Azzopardi li dak iż-żmien kien joqgħod f'numru 89, Triq Santa Luċija, il-Belt Valletta, u l-kittieba ta' l-ewwel erba' numri (sabiex jibqgħu mfakkra) kienu:

Il-Kav. Ġużè Muscat Azzopardi
Mons. Dr. Karm Psaila — Dun Karm
Sir Temi Zammit — T.Z.
S.
P.
Karmnu Sant
Ġużè Gatt
Dr. A. Cremona — A. C.
F. S. Caruana
L-Isqof Camilleri
Prof. Patri Pawl Tabone — Dun Anton Tabone
Mons. Karlu Cortis
Ġużè Micallef Goggi
Salvu Agius
H.
M.
Prof. Avukat Carmelo Mifsud Bonnici — C.M.B.
Dr. Rużar Briffa
Dr. P.P. Agius
Vincenzo Mifsud Bonnici — V.M.B.
Prof. Carlo A. Nellino u A. Cremona — dwar l-ittri ta' l-alfabet użati fit-Tagħrif
Dun Pawl
C.M.D.
G.V.
Patri Albert Vaccari u A. Cremona dwar ir-regoli grammatikali u fonoloġiċi li fuqhom hu mibni t-Tagħrif.

*(jissokta)*

# "IL-FIDWA TAL-BDIEWA" TA' NINU CREMONA

## Oliver Friġġieri dwar l-Istudju Kritiku ta' Ġużè' Diacono

L-istudju kritiku li għadu kemm xandar Ġużè Diacono dwar "Il-Fidwa tal-Bdiewa" beda biex naqqas il-vojt kbir li għadu jinħass fil-qasam ta' l-istudji letterarji, l-iżjed fil-qasam tal-kitba ta' Ninu Cremona.

Il-ħsieb ewlieni ta' Ġużè Diacono, id-dramaturgu magħruf li se jagħti l-fehma tiegħu dwar xogħol ieħor drammatiku, huwa li bħala poema fih bosta valuri, iżda bħala xogħol għall-palk fih għadd ta' nuqqasijiet tekniċi. Diacono jiċħad li d-dramm huwa pastorali, u jisħaq li huwa "poema drammatiku' iżjed milli "dramm poetiku". Dan huwa ħsieb interessanti li Diacono jinqeda bih biex iqiegħed f'postu lix-xogħol ta' Cremona min-naħa letterarja maltija. Jissokta biex jiddeċiedi b'raġunijiet tassew siewja jekk "Il-Fidwa tal-Bdiewa" huwiex xogħol klassiku jew romantiku. Diacono jemmen li fil-qofol tiegħu huwa għandu ruħ romantika, waqt li l-element klassiku donnu jsostni lir-ruħ ewlenija.

Biex jifred bejn klassiċiżmu u romantiċiżmu, Diacono jagħmel tajjeb ħafna meta jisħaq fuq l-eżistenza jew in-nuqqas ta' unita' ta' l-azzjoni u taż-żmien. Dwar iż-żmien il-kritiku għaraf idaħħal it-tagħrif storiku mal-fehmiet kritiċi tiegħu, b'mod li ta bixra ta' ħtieġa, u mhux ta' żieda, lill-element tal-ġrajja li fi studju kritiku jista' ma jkollux importanza.

Fil-qasam tal-karatterizzazzjoni Diacono mexa tajjeb meta għażel bejn il-ġemgħa tal-karattri maltin u l-ġemgħa l-oħra ta' l-ispanjoli. Jien ukoll nemmen li din l-għażla, bħal bejn l-iswed u l-abjad, kienet f'moħħ Cremona l-ħin kollu matul "Il-Fidwa tal-Bdiewa". Ried joħroġ il-karattru waħdani tar-raħħala Maltin bis-sengħa ta' l-artist u mhux bir-raġuni kiesħa ta' l-istoriku, għad li Cremona ma ħalliex il-fantasija tiġri bih wisq biex jitbiegħed mill-verità storika. U hekk ukoll għamlu l-kittieba klassiċi Maltin kollha li kellhom f'moħħhom il-ħakma kolonjali. Anzi l-kwalitajiet tajbin tal-ġemgħa Maltija, kemm fi Cremona u kemm fil-bqija tal-poeti u rumanzieri klassiċi, għandhom l-għan doppju li jwettqu lill-karattri lokali u jitfgħu dell iswed fuq il-ġemgħa barranija. Din m'hijiex ħlief għażla romantika, immexxija biss minn sentiment individwalista.

Element ieħor li Diacono tah importanza huwa l-lingwaġġ klassiku, mirqum, li Cremona qiegħed fuq fomm bdiewa u raħħala bla tagħlim. Min-naħa realistika, dan huwa nuqqas, iżda l-arti m'hijiex tiġdid tal-ġrajja fuq il-livell tas-sensi, iżda ħolqien bis-saħħa tagħha. Huwa ħolqien li jgħaqqad it-tiġrib tas-sensi barranin u ġewwiena biex joħloq xogħol li

m'huwiex qrib il-materja daqs kull ħidma umana oħra ta' kuljum. Diacono jfisser dan billi jgħid li huwa Cremona, u mhux il-karattri nfushom, li qiegħed jirrakkonta ġrajja ta' nazzjon bis-saħħa ta' persunaġġi li għażel hu.

Fl-aħħar taqsima ta' l-istudju kritiku, Diacono jqis l-element storiku li l-kittieb inqeda bih bħala l-bażi tax-xogħol tiegħu fid-dawl ta' l-istoriċi l-qodma, li kienu magħrufa qabel ma kiteb Cremona, u fid-dawl tat-tiftix li Monsinjur Mifsud xandar aktar tard skond dak li rnexxielu jsib fl-arkivju tal-Katidral u fil-Bibljoteka. Cremona nnifsu ammetta dan: "... għalhekk ix-xogħol tiegħi ma jaqbilx f'kollox ta' kollox ma' dak li sirna nafu fuq dawn il-ġrajjiet minn xi 27 sena 'l hawn." It-tiftix ta' Mifsud jinsab miġbur "f'Le Franchigie Costituzionali Alfonsiane e l'Invasione dei Mori del 1429 nella compilazione della storia di Malta".

Fi ftit kliem, l-istudju ta' Ġużè Diacono qanqal bosta punti tassew importanti dwar xogħol li sal-lum kien għadu qiegħed ifittex il-kritiċi tiegħu. Diacono ta dehra ċara ta' ħsibijiet ewlenin dwar "Il-Fidwa tal-Bdiewa": jekk hux dramm poetiku jew poema drammatiku; is-siwi tad-diskorsi twal u deklamatorji fl-unità; il-burdati li jitbiddlu minn żmien għal ieħor matul ix-xogħol kollu; il-qagħda tiegħu mqabbla ma' xogħlijiet drammatiċi oħra Maltin.

Il-ktieb huwa maħruġ fis-sensiela tal-"Melitensia Publications", huwa mitbugħ fuq karta ċara, u jinsab għall-bejgħ għand il-librara ewlenin.

---

# IL-GHAŻLA

## Ta' PAWLU MIFSUD

Il-qalb ta' kull maħluq għandha quddiemha  
Żewġ triqat sbieħ: l-imħabba u l-ħelsien;  
Il-waħda kollha ġenn u kollha sliema  
U l-oħra hi s-sultana tal-ħolqien;  
Il-waħda ħelwa sħiħ, l-oħra oħla minnha  
'Mma qatt u qatt ma għexu t-tnejn flimkien.

# REĊENSJONIJIET

**Rużar Briffa — Ħajja u Karattru. Dokumentarju ta' Olivier Friggieri. Union Press. Valletta — 1972. Paġna 24.**

Kif sewwa hemm miktub taħt l-isem ta' dan il-ktieb, l-awtur aktar fittex li jixħet dawl fuq il-ħajja u l-karattru ta' Rużar Briffa, milli jikteb sensiela ta' ġrajja li l-poeta sab ruħu fihom.

Dan il-ktieb hu studju psikoloġiku u analitiku dwar ir-ruħ, il-qalb u l-ħsieb tal-poeta li minn żgħożitu nħakem mill-ħasra u mill-imrar tal-ħajja iebsa, u qatt ma għamel sforz biex jaqleb għall-hena u l-faraġ tal-ħajja ferriħija. Briffa nnifsu ħass "l-effetti ta' l-imrar li sqietni l-ħajja."

F'dan il-ktieb naqraw li minkejja l-melankonija tiegħu, Briffa ma kienx misantropu; hu kien iħobb il-ħbieb, kien jissieħeb magħhom, jagħmel sehem mill-klikek tal-istudenti u kien ukoll jindaħal biex iqanqal xejriet u ħidmiet fost sħabu. Hu kien l-ewwel wieħed li ħareġ bl-idea li biex il-letteratura Maltija tgħaddi 'l quddiem, kien jeħtieġ li tieħu bixra professjonali, u b'din il-fehma, ħabrek biex iwaqqaf għaqda fost l-istudenti sħabu li kienu jħobbu l-ilsien Malti.

L-awtur għaraf jagħti immaġni l-aktar ċara tal-karattru ta' Briffa: dak il-karattru kiebi, ġwejjed, mhux nieqes mill-għaqal u l-ħsieb, imma dejjem maqtugħ għalih u jaħrab mill-għagħa u t-tlellix tad-dinja. Din ix-xeħta ta' Briffa baqgħet fuqu wkoll wara li hu sar magħruf bħala poeta. "Briffa mhux biss kien meqjum bħala poeta tajjeb, iżda wkoll kien miżmum bħala poeta melankoniku."

Is-Sur Friġġeri stħarreġ tajjeb u bil-għaqal ħafna mill-poeżiji ta' Briffa u sab bosta u bosta minnhom huma mqanqlin u mnisslin minn motivi emozzjonali jew ċirkostanzi li qanqlu l-qalb tiegħu wisq sensittiva. Fl-istudju ta' dawn il-poeżijiet Friggieri lemaħ mhux biss ir-ruħ iżda wkoll il-qalb tal-poeta u għaraf il-filosofija tal-fehma u tal-ġibda li nisġu l-ħajja tal-poeta. Hekk fil-poeżija "Emmintek," Friggieri jilmaħ "imfissra l-kriżi b'qilla rari ħafna fi Briffa; il-ħsieb bħas-soltu, hu maqsum fi tnejn, jiġifieri l-idealiżmu ta' żgħożitu li falla, u r-realiżmu li weġġgħu".

Biex wieħed jistħarreġ sewwa l-poeżija ta' Briffa jeħtieġlu jħares lejh mhux biss bħala poeta iżda wkoll bħala tabib. Din id-distinzjoni Friggieri għarafha sewwa. Hu kiteb hekk: "l-ispirazzjoni kienet tleħħ fih (Briffa) f'waqt qasir u tinkiteb minnufih. Iżda aktarx ir-raġuni ewlenija hi li bejn it-tabib u l-poeta ġewwa fih kien hemm dejjem dikotomija sħiħa, u l-poeżija quddiem il-mard l-iżjed ikreh, dehritlu ħaġa żejda u kontra dmiru."

Mill-ktieb ta' Friggieri wieħed jijsta' jifhem li l-ħajja ta' Briffa nfirxet fuq żewġ meddiet ta' snin li wieħed jista' jxebbaħhom iż-żewġ staġuni: il-Ħarifa u x-Xitwa; l-ewwel kien żmien ta' dlam u swied il-qalb, it-tieni kien żmien ta' xogħol, aħrax u qalil. Il-poeta qatt ma gawda żmien sajfi ta' serħan u xaħxiħ. Wara ż-żewġ meddiet bla ħajr u hena, feġġet ir-Rebbiegħa u ġiebet lil Briffa xi ftit tal-faraġ u hena, "iżda t-tmiem ta' din ir-rebbiegħa ma kienx fil-bogħod."

Fl-ewwel ta' Novembru, lejliet l-Għid tal-Imwiet, Briffa, waqt li kien waħdu fil-ġnien tal-Barrakka ta' Fuq, kiteb l-aħħar poeżija tiegħu, **Il-Ballata Tal-**

**Fontana.**

"U qniepen, qniepen, qniepen,
Qniepen viċin, fil-bogħod ..."

donnhom kienu jagħtuh l-aħbar li s-sejħa ma kenitx fil-bogħod.

"Bakkar fiċ-ċimiteri,
Fis-sħarijiet tal-qamar ..."

donnu kien jistħajjel fejn se twasslu dik is-sejħa mistika.

**G.**

**Agħtħina x-Xita — Rumanz ta' Martin Descalzo, maqlub għall-Malti minn Valentin V. Barbara; Empire Press-1972, pp. 274.**

Dan mhux rumanz li jinqara għall-mogħdija taż-żmien għalkemm fih nisġa li żżomm lill-qarrej bil-kurżità li jara x'se jkun il-qofol u t-tmiem tar-rakkont. Min jaqra dan ir-rumanz ma jistax ma jaħsibx u ma jmaħħaħx dwar il-ħafna qagħdiet, ftietaq u praspar li jiġru u jsiru f'dak id-daqsxejn ta' raħal ta' Torre fi Spanja, li risqu kien marbut max-xita li tkabbar l-egħlejjel, u fejn dawk li joqogħdu hemm kollha kienu mqanqlin minn ġibdiet u xewqat li jaħkmu fuq il-ħajja mwiegħra tagħhom u jfasslu mġibithom.

Imma l-aktar li laqatna hu l-element mistiku li jitwettaq matul il-ġrajja kollha. Ta' min jifhem sewwa u jixtarr tajjeb ir-riflessjonijiet u t-twissijiet li joħorġu minn fomm xi wħud mill-persunaġġi, bħal ma huma l-Kappillan ix-xiħ u l-ieħor iż-żagħżugħ, u fuq kollox mill-persunaġġ ewlieni, Renatu, karattru mill-aktar kurjuż, ta' min jistagħġeb bih għax fl-imġiba tiegħu jidher daqqa bħala raġel ordinarju u daqqa bniedem ta' setgħa li ma tistax tfissirha. Ħajtu u għemilu jidhru li huma mnebbħa minn sejħa soprannaturali, u kultant wieħed jilmaħ fih il-figura ta' Kristu fl-egħmil ta' ħniena u mogħdrija lejn il-midinbin.

Dawk li kienu jgħixu fir-raħal kienu kollha nies li niltaqgħu magħhom fil-kampanja; l-awtur jurihom fil-għeri tagħhom: kollha jgħixu għall-ħobża mhux għar-ruħ, nies mibruma fil-għira, fir-regħba, fil-ħażen u fil-kilba għall-qligħ. Imma fost dawk il-milgħunin jidhru wkoll oħrajn ta' qalb safja u mġiba ħelwa, qishom ward fost ix-xewk. Dawn l-erwieħ isebbħu l-ġrajja u jagħtuha xi ftit ta' ħlewwa fost l-imrar u l-qtigħ ta' qalb.

Għoġbitna wkoll mhux ftit is-sengħa li nqeda ħafna biha t-traduttur biex qaleb għall-Malti dan ir-rakkont. Ma kinitx ħaġa ħafifa li wieħed jagħti sura Maltija lil dan il-ktieb, l-ewwelnett għax it-tfassil tiegħu u x-xejra huma għal kollox barranin għalina l-Maltin, u fuq kollox għax f'dan il-ktieb huma mfissrin ħsibijiet u tagħlimiet ta' l-akbar reqqa u għerf.

B'danakollu Patri Barbara għaraf jagħti lill-ktieb xejra Maltija bla ma jitlef il-ħeġġa u l-ħrara li hemm fl-oriġinal. Dan il-ktieb imissu jkun xempju tal-qlib fi lsienna ta' xogħlijiet miktuba fi lsien ieħor. Nittamaw li l-qarrejja tal-Malti jgħarfu s-siwi u l-fejda ta' din il-biċċa xogħol ta' Patri, Barbara, u jagħmlulu l-ħila biex jissokta jindaħal għal ħidmiet oħrajn bħal dawn.

**G**

**20 REBBIEGHA, maħruġ mill-Għaqda Letterarja Maltija.**
**LUX PRESS, Malta — 1971. Paġni 168.**

F'egħluq l-għoxrin sena mit-twaqqif tagħha għadd ġmielu ta' membri ta' l-Għaqda Letterarja ngħaqdu flimkien u tawna din l-antoloġija.

Billi l-gosti jvarjaw f'dan il-ktieb insibu xogħlijiet ta' xejriet differenti. Hekk għall-astrattiżmu ta' **U Meta Tqawwa D-Dawl** u ta' **Ġerusalemm F'Belsen** ipattu l-kitbiet ħfief u sempliċi **Bqajt B'Xiber Imnieħer** u **Il-Mistura Tas-Serduq.** Għal qtigħ il-qalb u l-biża' murijin fi **Il-Ħajja Ma Waqfitx-** tagħmel bilanċ it-tama rebbieħa **f'Silvio Jaqta' Xewqtu,** u għall-pessimiżmu muri f'xi poeżiji jagħmel tajjeb l-umoriżmu tal-ġrajja **Fra Mudest u l-Mistrieħ,** għad li hawn hu xi ftit imġebbed, tan-novella **Bertu Tal-Landier,** tal-ġrajja gustuża ta' **Il-Ħarufa Ta' L-Għid** u ta' l-inkejja fl-epigrammi nibbiexa. Għan-nuqqas ta' saħħa f'moħħ in-nanna Sunta fin-novella **Il-Muftieħ Tal-Ċenna** ipattu l-ħeffa, il-qawwa u s-saħħa ta' l-ilmijiet li nġabru taħt **L-Arkata Tal-Mistra** li barmu u ġarrew magħhom l-ewwel lill-barba Ġanni u wara lill-ħmar ta' Salvu. U għall-fantasija **f'Ma Stajtx Norqod** u fi **Ħlejjaq Żgħar** tagħmel tajjeb ir-realtà li ħadd ma jista' jiċħadha miġbura fl-essays **Fuq Li Wieħed Jeħtieġ L-Ieħor** u **f'Il-Barbier.**

Waqt li għadd ġmielu ta' poeżiji jħajruk taqrahom u terġa' taqrahom imħabba l-mużikalità tal-versi tagħhom, il-ħsibijiet għolja u mirquma li jiġbru fihom u l-livell għoli tagħhom, oħrajn, għad li mhumiex ħżiena, għandhom mnejn ma jingħoġbux minn kulħadd imħabba l-astrattiżmu u l-pessimiżmu li jiġbru fihom.

Xi xogħlijiet, sew proża kemm poeżija, setgħu tħallew barra għax dak li jgħodd għall-Paġna Letterarja f'gazzetta mhux bilfors ikun tajjeb biex jinġabar f'Antoloġija, waqt li bi ftit aktar reqqa kienu jiġu evitati xi żbalji ortografiċi u ta' l-istampa. It-tqassim tal-poeżiji seta' sar aħjar. B'hekk l-aħħar faxxiklu tal-ktieb ma kienx ikun imħolli kollu għall-versi.

Imma kollox ma' kollox din l-antoloġija għandha, tagħti gost lill-qarrejja kollha għax il-livell letterarju tagħha hu għoli ġmielu.

Il-qoxra tal-ktieb, li żżid issebbaħ din l-antoloġija ,inħadmet fuq disinn ta' Trevor Zahra, segretarju ta' l-istess Għaqda

**Ilario.**

**"Stejjer Ta' Daw' L-Gżejjer". ta' Mary Mejlak**
**Malta, Veritas Press — 1972. Paġ. 112.**

Mid-dehra Mary Meylak kellha ħsieb toħroġ ktieb ta' qari għat-tfal, għax fih niltaqgħu ma' ħafna riferenzi għat-tfal tal-iskejjel. Din l-idea tingħaraf mill-bidu sa l-aħħar fl-erbatax l-istorja li fih dan il-ktieb.

Wieħed jinduna wkoll li l-fantasija predominanti hi tat-tfal: nuqqas ta' loġika, nuqqas ta' realtà, entużjażmu sfrenat u sitwazzjonijiet mhux komuni xi

drabi meraviljużi jew bla sens. Kultant il-qarrej jiltaqa' ma' siltiet li jfakkruh fid-dinja ta' Hans Christian Anderson, jew ta' l-Aħwa Grimm jew tal-Ħrejjef Għarbin.

Imma mbagħad lill-qarrej jolqtuh ukoll karattri Maltin, nies minn dawk li niltaqgħu magħhom kuljum, mimlijin ħajja u ħeġġa, nies tal-ħwienet, nies tas-sengħa, mill-ibliet u mill-irħula, kollha medhijin fuq xogħolhom, kollha moħħhom jilħqilhom u jafu jagħmlu l-affarijiet tagħhom bil-għaqal biex kollox iseħħ kif jaqbel lilhom.

Il-ktejjeb stampat tajjeb b'format sabiħ u jinqara bil-ħeffa u bi pjaċir.

**"DAWRA DURELLA" ta' Trevor Zahra — Pubblikazzjoni A.C. Aquilina — 1972. Paġ. 32.**

Din hi ġabra ta' poeżiji għat-tfal miktuba u stampata b'mod u manjiera li tħajjar iż-żgħar jaqrawha bi pjaċir u aktar minn darba waħda. Għax il-ħsieb tal-awtur hu li jagħti f'idejn it-tfal tal-iskejjel ktieb b'poeżiji fuq suġġetti li huma jafuhom tajjeb u jiggostawhom.

Is-suġġetti l-biċċa l-kbira għandhom x'jaqsmu mall-istorja naturali: għasafar, ħxejjex, frott u fjuri, annimali u ħlejqiet oħra li t-tfal iħobbu jaraw, imissu u jitgħaxxqu bihom.

Il-poeżiji dwar dawn is-suġġetti huma miġbudin fi stil ħafif, ħaj, ħarqien li jidħol malajr f'moħħ it-tfal. Imma barra l-ħlewwa tal-poeżiji hemm il-gost ta' l-istampi sbieħ li jħajjru lit-tfal jaraw, jaqraw u jitgħallmu dawk il-poeżiji.

It-tagħlim tal-poeżija fih innifsu hu mezz ta' edukazzjoni u istruzzjoni, għax mit-tagħlim tal-poeżija t-tfal jidraw japprezzaw dak li hu sabiħ, fin u artistiku, għalhekk ma' din il-ġabra ta' poeżiji l-awtur ħejja ktieb ieħor ta' tagħrif għall-għalliema tal-iskejjel fejn tidħol id-"Dawra Durella".

F'dan it-tagħlim insibu ħafna disinji li l-awtur ħejja għat-tfal li jħobbu u hekk jiżviluppaw it-talent artistiku tagħhom.

Insibu wkoll imfisser il-mod kif il-poeżiji għandhom ikunu mgħallmin lit-tfal; x'inhi t-tagħlima jew il-ħsieb li s-surmast jista' jislet minn kull waħda mill-poeżiji, liema hi l-aħjar mod biex ikunu reċitati, u fuq kollox insibu x'uħud mill-poeżiji immużikati mill-Maestro Reno Caruana, biex it-tfal ikantawhom fl-iskola jew f'postijiet oħra. In-noti mużikali huma ħfief, armonjużi, bla kompli-kazzjoni, adattati għall-ilħna rqaq, hekk li wieħed malajr jista' jaqbadhom.

Kollox ma' kollox dan il-ktieb u s-suppliment tiegħu, jiswew ħafna għall-iskejjel tagħna, u nirrikkmandawhom bil-qalb kollha.

**G.**

**"ĠABRA TA' ĦREJJEF" ta' Pawlu Montebello**
**Edizzjoni Degabriele, Union Press Valletta, Paġ. 163**

Meta għaddewli dan il-ktieb biex ngħid x'naħseb fuqu, għamilt in-nervi. Stampat pulit kemm tridu, imma ... ktieb ieħor ta' poeżiji! U min kien dan Pawlu Montebello? Tgħid mhux xi wieħed minn dawn it-tużżani ta' poeti li f'dawn l-aħħar snin nibtu bħal faqqus il-ħmir ma' l-ewwel xita, biex imbagħad nixfu ma' l-ewwel xemx?

Ma domtx ma ndunajt kemm kont tqarraqt. Il-poeżiji, bħala poeżiji, bi ftit eċċezzjonijiet, m'humiex xi ħaġa kbira. Aktarx tqabbil milli ħaġ'oħra. U dan huwa kif imissu jkun, għax il-ħrafa hija ġeneru speċjali tas-sengħa tal-kitba, u m'hix sempliċement poeżija. Iżda meta tibda tixtarr dak li fihom tintebaħ li hawn għandek xogħol ta' awtur ta' kultura kbira, u fuq kollox ta' esperjenza kbira tal-ħajja. Staqsejt dwaru, u qaluli li huwa raġel imdaħħal fiż-żmien li qatta' ħafna minn ħajtu barra minn Malta. Sa fejn naf jien qatt ma kont qrajt xejn tiegħu. Mela, għidt, nixxiebħu mhux ħażin, għax bħali beda jikber fl-eta' meta ħaddieħor jibda jarfa'.

Fhimt kemm tassew ħabb ilsien art twelidu meta bdejt niltaqa' ma' kliem li qajla għadna nisimgħuh mitħaddet. Qisu dan il-kittieb ir-"Rip Van Winkle" tal-letteratura Maltija, li raqad tletin, erbgħin sena, u tfaċċa fl-1972 jitkellem il-kliem ta' nannietna! Jekk il-ktieb m'għandu siwi f'xejn, dan żgur huwa preġju kbir.

Pawlu jmissli korda oħra ta' simpatija. Iħobb dak li jħobbu t-tfal. Jiġifieri huwa wieħed minn dawk li ma jixjieħu qatt għax jibqgħu tul ħajjithom kollha jaraw id-dinja b'għajnejn it-tfal. (Ta' dawn hija s-Saltna!) U x'hemm fid-linja tal-kliem li t-tfal iħobbu iżjed minn ħrafa? Mela kien naturali li Pawlu Montebello jagħtina ktieb ta' ħrejjef, (u kemm hemm minnhom!) miġbura matul ħajja ta' qari ta' letteratura mill-irkejjen kollha tad-dinja. Minn Eżopu u Fedru sa La Fontaine u Anderssen u l-Aħwa Grimm u Krilov, u l-ħarriefa anonimi taċ-Ċina, ta' l-Indja u ta' l-Afrika sewda.

Għidt fil-bidu li dawn il-ħrejjef huma miktuba iżjel bħala taqbil milli poeżija, u mill-ewwel taqbila jidher li dan, mingħajr pretensjonijiet, kien l-iskop ta' Montebello.

> "Ma ktibtx ħlief ħrejjef, bl-ilsien ħelu ta' ommi
> Ogħla taqbil ma ssibulux dal-ktieb
> ......
> Oħlom bħalma ħlomt jien u niktibhom;
> Raskom, ħbiebi, bħal rasi, trid tistrieħ."

B'danakollu wħud minnhom huma ġawhar ġenwin ta' umoriżmu, ħlewwa u mużika. Nisimgħu waħda jew tnejn:

**Minn Ħrafa No. 11.**

> "Qabel ma ħaffru — Għar Ħal Saflieni.
> U l-Maltin għadhom — kienu Moltin.
> Qabel ma Molta — inbidlet f'Malta,
> U l-jum sħiħ kienu — rġiel il-Qormin."

**Minn No. 19.**

> "B'għasluġ twil f'idu, wieħed bidwi, darba

Saq merħla wiżż imsemmna lejn is-suq.
Gerrex bil-herra, ġera, xejjer, ġerra.
Beżgħan li ma jilħaqx qebel l-egħluq.

It-tjur quddiemu, bħal imrewħa mferrxa,
Sawwat, bekket u niggeż l-għażżenin
Rjushom jitbandlu, dnubhom jiżżegilgu;
"Imxu, misħuta," għajjat, "sar il-ħin."
(Tħossokx tgħaġġel warajhom?)

**Minn No. 50.**

"L-għasfur ma' wiċċ il-qamar deher bħal tebgħa:
Il-plejju mar-ranċis, bħur ifur fawru;
Id-dlam b'liżar kaħlani s-siġar ħeba

L-għasfur beda mill-ġdid: lefqa, tnehida,
Swied il-qalb kbir, minn qiegħ griżmejh, ħariġlu
Bħad-dmugħ ta' ruħ imċaħħda mn'art twelidha."

Xi ħlew ta' endekasillabu, u x'nostalġija!

Mimlija nostalġija tal-hena li mar u ma jiġix iżjed hija wkoll No. 57, u nota personali ta' l-awtur tinstema' f'No. 62

"Fil-ħolm, kull qawwa rbaħt
Fil-ħolm, l-ogħla għerf sibt.
Fil-ħolm, kulma xtaqt ksibt.
Ħlomt; stenbaħt sa ħlomt stenbaħt."

Tawwalt iżżejjed. Fi ftit kliem dan huwa ktieb malti kollu kemm hu, u ktieb li jserraħ il-qalb. X'nibda nżid ħlief ngħid ma' l-awtur.

"...... newlu l-kitarra, u nibdew."

**KILIN**

**"FRA MARTIN U NOVELLI OĦRA" ta' Ġuże' Chetcuti**
**Union Press Valletta 1972. Paġ. 52.**

L-aħħar ktieb tar-rumanzier u poeta Ġużè Chetcuti huwa l-ġabra miżjuda ta' novelli dwar Fra Martin. L-ewwel edizzjoni kienet ħarġet fl-1961. Hemm mill-ġdid il-fehmiet rejalistiċi, marbuta mad-dehra tad-dinja minn barra, kif hemm ukoll fl-aqwa xogħlijiet tiegħu, bħalma huma "L-isqaq" u "It-tnalja."

Chetcuti, qabel xejn, jistqarr il-bidu ta' dawn in-novelli fid-daħla tal-ktieb: "Dawn il-karattri jien kont ngħix magħhom. Għadni niftakar sew lil Fra Martin li kull nhar ta' Ħamis wara nofs in-nhar kien jiġi jagħmel iċ-ċirka

fit-triq tagħna; lil Indri' Cali', il-pulizija li kien jaqbad il-klieb u li anqas ismu ma kien jaf jikteb. ...... L-ismijiet li tajthom ħloqthom jien, imma dawk il-karattri għexu tassew, kienu tad-demm u l-laħam bħalna; l-istorja ta' ħajjithom biddiltha b'xi mod u żewwaqtha kemm stajt bl-immaġinazzjoni tiegħi."

Ikkwotajt din is-silta għaliex nemmen li fiha Chetcuti kiteb bl-istil ċar tiegħu t-twemin tar-rumanzi u d-drammi rejalisti li kiteb. Il-bidu mhuwiex l-element waħdani li jorbot lill-arti tiegħu ma' l-eżistenza. Flimkien mal-bidu, jew il-memorja jew l-osservazzjoni, hemm l-isforz konvint biex dan il-"bidu" ma jitbiddilx ħafna, jew ma jitbiddel xejn, bil-ġiri tal-fantasija artistika. Hemm il-fantasija, tassew, li tgħaqqad flimkien elementi, kwalitajiet, ġrajjiet, qagħdiet, biex minnhom toħroġ xi ħaġa sħiħa li għandha minnhom ilkoll. Iżda l-għan huwa li r-rejalta' materjali toħroġ kollha kemm hi, senswali, tqila bħalma nħossuha madwarna meta sseħħ. Iżjed mill-mottivi ġewwiena, hemm l-azzjonijiet, il-bixra barranija tal-persuna. Madankollu, taħt din il-qoxra, Chetcuti juri, mingħajr ma jintilef warajha, il-kuxjenza mqallba tal-karattri tiegħu.

Il-bniedem ta' Ġużè Chetcuti huwa l-bniedem qrib in-natura imsoffi missofistikazzjoni ta' kull drawwa mirquma, iżda mqiegħed f'ambjent u ċirkustanzi li se jġegħluh juri l-karattru "tipiku" tiegħu. Ma nissugrax ngħid li l-persunaġġi ta' din il-ġabra, bħalma huma l-bqija, huma tipi ġenerali, u lanqas ma ngħid li huma individwi. Donnhom għandhom taħlita tat-tnejn, bħalma għandhom il-bnedmin tat-triq, aħna nfusna li qegħdin ngħixu mingħajr ma niddefinixxu l-essenza u l-eżistenza tagħna bħallieku nistgħu naqsmu lilna nfusna f'suġġett u oġġett. Fid-dinja komuni, imħawra, ta' Chetcuti hemm il-bniedem li jidħol fil-folla għal waqtiet u joħroġ minnha għal waqtiet oħrajn; jersaq lejn il-kwalitajiet universali u jitbiegħed mid-definizzjoni waħdanija, rari, ta' persunalita' ġenwina, individwali. U drabi oħra jagħmel bil-maqlub.

Din id-dehra panoramika tinsab ukoll fi "Fra Martin u novelli oħra". Hemm id-djalogu naturali, għeri, ta' min jinqeda bil-kelma biex jiftiehem biss; hemm l-isfumaturi tal-vokabularju, l-istruttura grammatikali, xi drabi djalettali, it-ton, il-burdata. Hemm is-senswalita' ta' l-uċuħ li jbiddlu l-espressjoni minn waqt għal ieħor; l-idejn li jiċċaqalqu għal bosta raġunijiet, iżda kull darba jitħarrku b'mod li jgħin fil-karatterizzazzjoni. Hemm l-ambjent ħelu ta' Malta ta' ftit snin ilu, bl-elementi folkloristiċi li Chetcuti għaraf idaħħal fin-novelli b'sengħa li tgħaqqadhom għal kollox mal-bqija tar-rakkont. M'hemmx firda, jew duwaliżmu, bejn l-elementi tat-tifkira, l-element folkloristiku u l-element fantastiku li jwaħħad kollox f'daqqa. L-Għid ta' l-Irxoxt ta' Bormla, il-ħuġġieġa ta' San Ġwann, it-tiġrija tad-dgħajjes, il-festa ta' Ħadd in-nies f'Ħaż-Żabbar u drawwiet oħrajn għandhom is-sehem li jagħtu ħajja, u mhux biss ikattru d-deskrizzjoni. Huma biċċa mir-rūħ u d-dinja ta' l-awtur li din id-darba bena r-rejaliżmu tiegħu fuq tifkiriet imbiegħda ta' tfulitu.

Drabi oħrajn Chetcuti tenna kemm-il darba t-twemmin tiegħu li l-ħajja hija taħlita ta' ħżunija u tjubija, iswed u abjad. Hija d-distinzjoni ċara, meħuda

minn fomm il-poplu tiegħu stess. Madankollu, meta l-kritiku jħares mill-qrib lejn id-dinja li ħoloq l-awtur, isib li dawn iż-żewġ kwalitajiet huma ġenerali għal kollox, u li f'kull element li daħħal fil-kitba tiegħu hemm għażla wiesgħa ta' valuri u mottivi, ilkoll moħbijin taħt l-azzjonijiet. Huma l-azzjonijiet li jneżżgħu lill-bnedmin minn kull ħjiel ta' intellettwaliżmu. Iżda taħthom m'hemm xejn ħlief konkretizzazzjoni ta' xewqat u ħsibijiet moħbijin u mormija f'nies, toroq u drawwiet li jġiegħlu lill-awtur u lill-qarrejja tiegħu jaħsbu.

"Fra Martin u drammi oħra" jinsab għall-bejgħ għand il-librara ewlenin. Huwa mitbugħ fuq karta pulita ħafna, u jiġbor tnax-il novella.

**OLIVER FRIGGIERI**

**"BLA ĦABI" ta' Ġużè Galea — Union Press — Valletta, 1972, Paġ. 84**

Ktieb ieħor bil-Malti li m'ilux li ħareġ huwa ta' xerja ġdida u li nħoss li sa jkun milqugħ tajjeb ħafna. Dan hu l-ktieb li jġib l-isem "Bla Ħabi", miegħu għandu wkoll isem b'ittri iċken li jgħidu "X-Ray tal-Ġens Malti." Il-ktieb inkiteb minn Ġużè Galea li bħala kittieb tal-Malti m'hemmx għalfejn li wieħed igħid min hu billi hu magħruf wisq tajjeb sew għall-għadd ta' kitba li ħarġet mill-pinna tiegħu u wisq iżjed għas-sbuħija w għall-benna tagħha, f'kull qasam li jidħol għalih.

Il-ktieb "Bla Ħabi" mhux kbir wisq għaliex ma fihx aktar minn 84 paġna, b'dana kollu nistgħu ngħidu li fiċ-ċokon tiegħu jiġbor ħlewwa kbira u għandu siwi għoli mhux biss letterarju imma nista' ngħid ukoll psikoloġiku f'sens speċjalizzat. Ngħid f'sens speċjalizzat għaliex għalkemm bosta minn dak li jidher fih joqgħod għal ġnus oħra, imma fil-biċċa l-kbira tiegħu hija l-psikoloġija ta' ġensna li tidher. Ġużè Galea, bil-għajnejn ta' rumanzier kbir li hu, u b'dak l-ispirtu ta' osservazzjoni għaraf jidħol fil-qalba tal-ħajja ta' kuljum ta' ġensna u jqiegħed drawwietna w kliemna quddiem għajnejna.

Bosta ħwejjeġ tkun smajthom u bqajt milqut minnhom ukoll imma tħallihom għaddejjin u bħal ma jgħidu bl-Ingliż neħduhom "for granted". Irid ikun il-ġenju tal-bniedem li jkun qed josserva l-ħajja għaddejja bħal ma jagħmel Ġużè Galea, jew aħjar fil-mera tal-ħajja tagħna għandhom l-importanza tagħhom. Ikollok tieqaf u tgħid: "Din hi tassew ħajjitna" meta taqra x'jingħad dejjem għal tarbija meta kulħadd jibda jara 'l min ixebbaħha, kif ukoll x'kummenti jgħaddu l-mistednin u n-nies ta' barra meta jkun hemm xi tieġ, x'inhi l-ħajja minn moħħ dawk li jmorru jixxarrbu l-baħar u jixxemxu fixxemx. Semmih tajjeb ħafna l-awtur X-Ray ta' ġensna fis-sens sħiħ tal-kelma.

Il-ktieb huwa stampat tajjeb fil-Union Press u fih daħla minn Ġino Muscat Azzopardi li miegħu nissieħbu biex inħajru lil Ġużè Galea itina aktar xogħol bħal dan mimli b'irqaqat u sarkażmu li bihom tkompli tistagħna l-letteratura Maltija u tifraħ u tistrieħ qalbna.

**Pat. A. Born.**

**"PLURALI MALTIN" Mill-Kaptan E.D. Busuttil. Progress Press 1971. A.C. Aquilina & Co., Edituri. Paġni 67.**

Kull laqxa tirfed l-imramma, igħid il-Malti. U dan hu l-każ li ngħidu għal dan il-ktieb. It-tfal u ż-żgħażagħ tal-lum tistagħġeb kemm isibu diffikultà biex jagħmlu l-plural ta' kliem li ma tantx ikun jintuża, u ġie li wkoll jiżbaljaw fi kliem magħruf sewwa. Għalhekk ma kenitx ħażina l-idea li ġietu l-Kaptan E.D. Busuttil biex joħroġ daqsxejn ta' ktejjeb li fih juri meta u kif għandu jsir il-plural, u xejn inqas, l-għadd imtenni. B'kollox Busuttil jagħtina 'l fuq minn 8000 kelma, bil-plural jew plurali possibli.

Fil-paġni 3 u 4, Busuttil tana regoli prattiċi dwar kif għandu jintuża l-plural, u jagħti każ mhux biss tan-nomi u ta' l-aġġettivi, imma wkoll tal-parteċipji passati. Tkellem ukoll dwar meta għandek tuża l-forma tal-plural u meta l-forma tas-singular wara kelmiet il-għadd. Qal ukoll meta għandek iddaħħal it-t marbuta man-numru, u meta għandek torbot il-klejma IL man-numru, bħal fl-eżempju: ħdax-il ġebla. Ta' min jinnota li IL hawnhekk ma hix artiklu, imma hi t-trasformazzjoni fonetika ta' AR li teżisti f'GĦAXAR. L-ismijiet ta' kelmiet il-għadd minn ħdax sa dsatax issawru billi tlaqqgħu n-numri ta' taħt l-għaxra wieħed wieħed man-numru għaxar. Hekk il-ħdax hu magħmul minn: ħad (wieħed) + għaxar, li jiġi: ħdax-ar, u wara: ħdax-il. Meta jkun waħdu taqa' wkoll l-aħħar sillaba u jsir: ħdax. Proċess jixbah lil dan ninnutawh fit-Taljan, fil-Fraċiż, fil-Ġermaniż, fl-Ingliż u f'ilsna oħra.

Il-parteċipji li nsibu fil-ktieb "Plurali Maltin" huma varjati. Xi wħud huma tal-forma ewlenija trilittera, jew tal-forma ewlenija kwadrilittera, u oħrajn huma tal-forom imnisslin. Xjentifikament kien ikun aħjar li dawn il-parteċipji tqiegħdu fl-ordni alfabetiku fejn imisshom bla ma ħadu qabilhom l-i tal-leħen. għax hekk ġara li jekk trid tfittex parteċipju bil-fors trid issibu taħt l-ittra I. Trid tfittex Mdendel, u ssib li qiegħed mogħti bħal Imdendel. Li tfittex dawn il-parteċipji kollha taħt l-ittra M diġa' fiha biċċa xogħol, aħseb u ara meta qabilha jkun hemm ukoll il-vokali prostetika I. B'daqshekk ma rridu nnaqsu bl-ebda mod is-siwi ta' dan ix-xogħol.

It-tifsira tal-plural fil-Malti tista' tingħata b'diversi mezzi. Hemm, ngħidu aħna, ħafna suffissi li jagħtuna l-plural, u hemm ukoll ħafna binijiet interni li jagħtu l-plural. Hemm ukoll il-forma femminli tas-singular li tista' tagħti tifsira ta' plural bla ma tibqa' marbuta mal-ġens femminil. Dawn jissejħu allomorfijiet jew varjanti tal-morfema tal-plural. Imħabba l-kotra kbira tagħhom wieħed jista' kultant jaħbat jitfixkel. U dan ikun il-każ li wieħed jikkonsulta ruħu ma' dak li jgħid il-Kaptan Busuttil fil-"Plurali Maltin".

**p.d.f.**

**"MADWARI" ta' Brother Henry F.S.C., De La Salle Brothers Publication.**

Dan hu ktieb ta' 237 poeżija qosra — ta' strofa jew tnejn miktubin għat-

tfal ta' bejn il-ħames snin u t-tlittax-il sena; kull waħda fuq suġġett, wieħed mhux bħall-ieħor, bħal ngħidu aħna dwar siġar, xtieli, ward, tjur, għasafar, frott, l-erbatiżma, dud, annimali, ħut, snajja u ħafna oħrajn ;fil-qosor dwar kulma għajnejn it-tfal jaraw u jiltaqgħu miegħu kuljum.

F'dawn il-poeżijiet Brother Henry għaraf jagħżel kliem malti, mhux missellef u ħafif, imma magħżul sewwa u tajjeb; kliem li joqgħod u jgħodd għal dawn it-tfal u wkoll li jdoqq tassew ħelu għal widnejhom. Fis-sewwa, dan ix-xogħol għandu jagħni moħħ it-tfal bl-ewwel ħażna ta' kliem malti ta' għadd imdaqqas imma tajjeb, u b'tagħrif ħafif ħafif tal-karattri, tal-għaqdiet, tal-ħtiġijiet u tas-siwi ta' kull suġġett li nsibu f'MADWARI: dankollu, żgur, li jnissel fit-tfal imħabba u għożża għall-ilsien art twelidna, għall-ġmiel tan-natura u tal-ħolqien — għal dak kollu li hu sabiħ u tajjeb.

Dan hu xogħol li għandu jiftaħ liż-żgħar tagħna dik it-triq ta' tagħlim tajjeb tal-ilsien Malti.

Il-ktieb mitbugħ tassew ċar u tajjeb.

**MICHAEL AGIUS.**

**"L-EPOPEA TA' ĠENSNA" ta' Dr. V.M. Pellegrini LL.D., mitbugħ fil-Union Press 1971, pp 39.**

Dr Vincenzo Maria Pellegrini tana xogħol ieħor letterarju, din id-darba epika fuq gżiritna li hu semma "L-Epopea ta' Ġensna." Jekk infittxu d-definizzjoni ta' 'Epika' nsibu li hi poeżija twila, narrattiva li titratta nies erojċi u ġrajjiet kbar, irid ikollha ħsieb għoli u ċertu qawwa u drammatiċità. L-Epika għandha jkollha ċerta solennita. Il-kritiku famuż Ingliż C.S. Lewis igħidilna 'epic...... is **solempne**' u tistenna ċerta pompożità u kif igħidu l-Franċiżi 'a great festal action'. Dan għidnieh għax jiswa għal dak li se niktbu.

Is-suġġett magħżul minn Pellegrini hi l-istorja ta' Malta — mill-preistorja sal-lum. Għalhekk hu suġġett tajjeb ħafna għall-għan tiegħu li jikteb epika għax nafu li l-ġrajjiet ta' nazzjon dejjem fihom dik iċ-ċerta qawwa u ġrajjiet Malta m'humiex nieqsa minn ċerta solennità.

Nuqqas li nsib f'din l-epika hi li tħallew barra ċerti ġrajjiet importanti u ta' ċerta drammatiċità li titlob l-epika bħall-ġrajja tas-7 Giugno u t-tieni assedju ta' Malta ftit li xejn jissemma.

Iżda niġi għall-epika li tana Pellegrini (nistaqsi: tgħid din l-epika tkun inċentiv għal Pellegrini stess jew għal xi poeta ieħor biex jikteb epika itwal u tkun aktar dinjituża, u Malta tiftaħar li għandha epika solenni hi wkoll?) Il-ftuħ ta' l-epika hu kif titlob is-sengħa ta' l-epika u l-ftuħ hu importanti.

"Il-poeta," kif igħidilna hu stess "qiegħed jara din il-viżjoni minn fuq is-swar ta' l-Imdina (p. 10) u l-ftuħ jagħlaq tajjeb għax jiftaħ il-bieb tal-ġrajja:

"...... Ġew żmenijiet oħra
li fihom din il-Gżira għaddiet minn bosta u bosta
ġrajjiet tal-għaġeb, u hawn fuq dil-quċċata
inkitbet storja li xejn ma jxejjinha, (p.10)

L-awtur jiġri ġirja ħafifa ħafifa ma' l-istorja ta' Malta. Hu jibda l-ġrajja tiegħu li għandha lil Malta Nazzjon u n-nies tagħha bħala l-eroina ta' l-epika, minn Żmien il-Feniċi, [u jeħodna fi żmenijiet il-Kartaġiniżi, r-Rumani; il-bidu tal-Kristjaneżmu u l-miġja ta' San Pawl, il-ħakma ta' l-Għarab, żmien in-Normanni, l-Aragoneżi, u ż-żmien fewdali ta' Malta; isemmilna l-Għarusa tal-Mosta, u jkompli bil-Kavallieri, Franċiżi, Ingliżi] sakemm jispiċċa bil-ħelsien ta' Malta — l-għoti ta' l-Indipendenza.

Kollox ma' kollox hi biċċa xogħol tajba, jogħġobni d-dħul ta' djalogu li jagħti lill-epika element importanti — id-drammatiċità kif titlob is-sengħa ta' l-epika. Fost is-siltiet li l-aktar laqtuni ta' min isemmi xi eżempji biex nuri l-qawwa ta' Pellegrini. Is-silta li tibda b'dawn il-vrus li ġejjin tolqotni ħafna għal ċerta ħlewwa, mużikalità u drammatiċità:

"Araw issa l-Assena f'żifna Għarbija,
arawha imlibbsa b'deheb, ħarir u ġawhar,
arawha tqim lis-Sultan tagħha u b'ġirja
arawha tfewwaħ ruħ missirijietha
f'tidwir ritmiku, erotiku u mlewwen.
bħalma raħħal iħaddan nagħġa ċkejkna
u biha mar jitgħaxxaq qalb il-ġemgħa (p.13)

Togħġobni wkoll is-silta ta' meta La Vallette jitlob lil Alla għax fiha ċerta kobor u ċertu sens ta' umiltà ta' dan il-kbir gwerrier jitlob l-għajnuna tal-Ħallieq. Isimgħuh:

"Int biss il-ġust
agħmel għalhekk ġustizzja u ilqa' talbna,
jekk din hi r-rieda tiegħek, għax fuq kollox,
hi r-rieda tiegħek biss li għandha ssaltan." (p.21)

Interessanti ħafna 'Żmien il-Franċiżi' (pp. 29-36) fejn jidħol djalogu tajjeb bejn Dun Mikiel Xerri, Vaubois, Malta u magħhom il-Kor.

It-tmiem ta' l-epika fil-fehma tiegħi ma setgħax ikun aħjar milli hu billi jagħlaq l-epika bl-innu nazzjonali Malti kantat mill-Kor għax fl-istess innu hemm ċerta qawwa u ċerta solennità — tistħajlek kburi tisma' l-Innu Malti jitkanta waqt li tittella' l-bandiera Maltija b'turija li Malta hi ħielsa.

Il-ktejjeb għandu qoxra tassew sabiħa magħmula minn "studio Portelli' u mitbugħ tajjeb ferm, b'tipi tajbin ħafna. L-ortografija fiha xi żbalji li xi wħud minnhom setgħu faċilment ġew evitati. Dan l-iżball nistqarru qed jidher f'ħafna kotba bil-Malti u hu ħasra għax jekk ma jħassarx iżda jtellef żgur mill-kobor tal-ktieb.

Kollox ma' kollox dan il-ktieb għandu jinxtara minn kull min iħobb l-istorja u l-letteratura ta' Malta u lill-Poeta Pellegrini nawguralu li joħroġ epika oħra li tista' tkun l-istess epika aktar eleborata, twila u solenni.

**FRANCIS P. MIFSUD.**